# Iġsma Iħirsa

Ħin bla waqt fantasmagoriku
mill-Commedia dell'Arte.

Att Uniku ta'

ORESTE CALLEJA

**IĠSMA IĦIRSA** nħadem għall-ewwel darba fit-Teatru ta' l-Università, il-Belt fis-serata XSENURU 4 imtella' mill-MOVIMENT QAWMIEN LETTERARJU nhar is-27 ta' Marzu, 1971 b'dawn l-atturi:

| | |
|---|---|
| ARLEKKINU | Alfred Spiteri |
| COLOMBINA | Ninette Micallef |
| KAPTAN SPAVENTA | Corinne Tonna |
| SOR PANTALONE | Toni Demicoli |
| PIERROT | Charles Stroud |
| PUĊINELLA | Ritchie Vella |
| SPETTATUR | Dione Borg |

Produzzjoni:
MARIO AZZOPARDI - LINO FARRUGIA

Dan id-dramm huwa l-uniku wieħed li fit-tieni edizzjoni ta' 4 DRAMMI ħassejt li xtaqt inżid jew inneħħi xi ħaġa. Il-bidliet huma minimi u ma jibdlu xejn mis-sens jew nuqqas ta' sens ta' dak li għedt jew m'għedtx ħamsa u għoxrin sena ilu.

*Plus çà change...* OC - MEJJU 1994.

# Iġsma Iħirsa

*Daqq ta' mużika ta' xi żewġ sekli ilu - mużika li tħaxwex u żżarżar donnha minn xi diska antika. Is-siparju huwa miftuħ.*
*Il-palk jinsab f'nofs dalma, ma tafx hux jisbaħ jew jidlam. F'nofsu hemm l-iskeletru tal-karru tal-kummidjanti - karru tqil iżda msewwes, l-għata tad-drapp immermer u mċarrat, il-fus tar-roti miskur hekk li l-karru jinsab mitluq fuq ġenb. Fuqu hemm mgħobbi l-armar ta' teatru, purtieri u bċejjeċ ta' xenarji, waqt li mxerrdin madwar il-karru hemm il-munżelli tal-kostumi, fosthom Pierrot, Arlekkinu, Colombina, Pulċinella u l-Kaptan Spaventa. Fuq is-saldatur tal-kuċċier hemm bil-qiegħda Brighella, nofsu rieqed.*

*Nota: Fost il-kostumi fil-fatt ikun hemm l-atturi vera li se jaħdmu l-partijiet ta' PIERROT, ARLEKKINU, COLOMBINA, PULĊINELLA u L-KAPTAN SPAVENTA. Brighella biss m'hemmx għalfejn li jkun attur u floku jista' jintuża fantoċċ.*

*Minn ftit qabel ma jibda d-dramm id-dwal jibdew jogħlew xi ftit kull tant ħin, jagħtu l-impressjoni li se jibda xi ħaġa, imma dlonk jerġgħu jitbaxxew.*

*L-ISPETTATUR jinsab bil-qiegħda bla ma jitħarrek fuq munzell kostumi, iħares dritt quddiemu lejn il-karru. Huwa zagħzugħ kemmxejn twil u rqajjaq u liebes flokk iswed, qmis bajda u ċoff.*

*Pawsa wara li tieqaf il-mużika. Id-dawl issa tbaxxa sew u m'hemm xejn li jtik x'taħseb li se jerġa' jitqawwa xi darba....*

SPETTATUR *(iqum - dejjem iħares fiss quddiemu):* Hawn m'hawn ħadd? *(Pawsa. Idur bil-mod iħares lejn il-platea.)* Hawn m'hawn ħadd. Hawn - hawn daħku bina. Fejn hu dak li ħajruna bih?

Dan - DAN ĊIMITERJU! Ċimiterju... Qed ngħidlilkom, QARRQU BINA! Dan... ċimiterju... *(Jersaq lejn il-karru. Joħroġ torċa elettrika minn ħobbu - jixgħelha fuq l-imbarazz. Iqalleb fosthom għal ftit bla ħajra, iżda mbagħad jitlaq kollox u jfarfar idejh mill-għabra.)* Għalhekk mela? Tridux tħalluna. *(Jibda miexi biex jinżel mill-palk.)* Ħalluna! L-ewwel qabda għaġeb u jpinġulek kollox ġenna ta' l-art, imbagħad tiġi u xi ssib? Issib.. Issib!!...U ħalluna!

*Huwa u miexi jitfixkel fuq dak li jidher li hu munzell kostumi.*

PANTALONE *(nofsu moħbi fil-kostumi):* Ah; ajma jaħasra! *(Iqum bi tbatija jokrob u jitmattar.)*

SPETTATUR: Min int? X'int tagħmel hemm?

PANTALONE: Aj, kif jien imfarrak. Kemm ixxalat bija l-kamla ħej. X'ħin hu? *(Jokrob)* Se nerġgħu nibdew?

SPETTATUR: Tistaqsi lili? Jien sejjer hekk jew hekk.

PANTALONE *(jaħbi wiċċu mid-dawl tat-torċa elettrika li L-ISPETTATUR jixgħel fuqu):* Neħħi dak id-dawl, ħabib. *(L-ISPETTATUR jobdi.)* Niżżik ħajr, ibni. *(Itella' idu ma' wiċċu - jinħasad.)* Fejn hi? *(Imwerwer ifittex fl-art madwaru.)* Fejn hi? Min ħadhieli? Hawn trid tkun! Id-dawl - ressaq id-dawl, ħabib! Għini nsibha - għini f'ġieħ is-sema, ħabib!

SPETTATUR *(jixgħel id-dawl fuqu):* X'inti tfittex?

PANTALONE *(dejjem jaħbi wiċċu mid-dawl):* Tixgħelx fuqi - fl-art! Fejn hi?!

SPETTATUR *(jitbaxxa u jiġbor maskra mill-art):* Din?

PANTALONE: Dik! Dik! Niżżik ħajr - niżżik-ħajr, ibni! *(Jilbisha. Idawwar rasu ferħan minn naħa għal oħra. Ifaqqa' daħka - daħka belhana ta' xiħ.)* Il-bastun issa. Il-bastun fejn hu? Iċċaqlaq ftit int!

SPETTATUR: Jien?

PANTALONE: ...Ara ssibux! Qisek mitruħ; iċċaqlaq!

SPETTATUR *(jiġbor bastun minn fost l-imbarazz li hemm fl-art.):* Dan?

PANTALONE: Dak eh, mela! Ġib 'l hawn; ġib.

SPETTATUR: Hawn. Imma isma' ftit int!...

PANTALONE: U ġib 'l hawn! *(Jieħu l-bastun u jimxi bi tbatija, milwi tnejn.)* Ah, ajma dahri, kif inħossu qed jinqasam jaħasra. Il-kliewi: ah! - ix-xjatka u r-rewmattiżmu jaħasra: Aj, aj, ajj! Imsejken Pantalon, min jagħtik daqqa t'id fis-siegħa tal-bżonn ja xwejjaħ imsejken? Fejn huma s-Sammaritana t-tajba? Fejn? *(Jokrob. L-ISPETTATUR jersaq biex jipprova jgħinu.)* Aaa! Ersaq 'l hemm! Assala! *(Jinġibed lura u jfajjarlu bil-bastun.)* Ajjut! Ajjut! Ser jisirquni jaħasra! Ħallelin! Qattelin! Assassini l-intom! Ajjut! *(Iross borża ta' flus ma' ħżiemu.)* Ħallelin. Lanqas ta' msejken xwejjaħ bla saħħa m'għandkom ħniena! Assassini bla ruħ!

SPETTATUR *(jogħrok id-daqqiet li qala'):* Radd il-ħajr dan!

*Jagħmel biex jitlaq.*

PANTALONE: Viljakki - bla ruħ... *(jintebaħ li L-ISPETTATUR sejjer.)* Hemm int - fejn taħseb li sejjer?! Issa ma tistax tmur.

SPETTATUR: Eh le? X'hawn li jżommni hawn?

PANTALONE: Hawn il-kummiedja - dak li hawn! Mhux għalhekk ġejt int?

SPETTATUR: Hekk kont ħsibt. Ridt xi ħaġa interessanti - xi ħaġa li tfisser xi ħaġa - xi ħaġa ħajja!.. Għax qaluli, "Mur hemm," jiġifieri hawn, infittex lilkom - qaluli, "Mur, tara kif issib dak li qed tfittex. Kummiedja," qaluli.

PANTALONE: Eh, il-kummiedja!

SPETTATUR: ...Qaluli, "Biss, xi ħaġa mhux tas-soltu - xi ħaġa ħajja." U ġejt hawn jien, kollni ħerqan. U xi nsib? Dak il-karru skeletru, dad-dlam u dal-maskri grottestki - dan iċ-ċimiterju! X'ħajja ħajja! Xi tridni nibqa' nagħmel hawn?

PANTALONE: Le stenna - stenna, ibni. Int l-ispettatur tagħna għal-lejla mela? Agħdirni. Int mhux bħal tas-soltu - iva, qed nara issa - int le, mhux bħal tas-soltu. Ibqa' hawn. Għalik - għalik nagħmlu rappreżentazzjoni speċjali!

SPETTATUR: 'Ġà rajt kemm-il waħda. Dort kullimkien. Imkien ma sibt li ridt.

PANTALONE: Imma aħna - tara kif aħna ma niddiżżappuntawkx ukoll! Issa tara!

SPETTATUR: Nara? Hawn? Hawn ma naħsibx li hawn... Agħdirni.

PANTALONE *(iżommu):* Stenna hawn qed ngħidlek! *(B'anqas ħerra.)* Agħdirni. Mhux għax inkun irrid... It-ton tiegħi, għemili, mhux ħtija tiegħi; hekk jien magħmul. Imma tassew irridek - nixtieqek - tibqa'. Tmurx għalissa.

SPETTATUR: Ma naħsibx li nista' ndum wisq...

PANTALONE: Iva f'ġieħ kemm hemm, oqgħod sakemm tista', tajba din! Kelma ta' Pantalon, imma int rasek iebsa tassew!

SPETTATUR *(jipprova jinteressa ruħu):* Min għedt li int?

PANTALONE: Min? Jien?

SPETTATUR: Iva; ma nafx x'isem għedt issa.

PANTALONE: Ah, jien iva! *(Idur lejn il-platea, jintroduċi ruħu.)* Jien Sor Pantalone dei Bisognosi,

nobbli u merkant ta' V'nezja, biex inservikom! Nagħmlulha ċara, jien ma nservi lil ħadd, imma hekk imorru l-affarijiet, u ħadd ma jista' jgħid li Sor Pantalon ma jafx kif imorru l-affarijiet - u kif jiġu wkoll - speċjalment kif jiġu. *(Iċekċek il-borża bil-flus.)* Aktar ma jiġu aħjar - anqas ma jmorru bil-wisq aħjar.

SPETTATUR: Ah, dak il-karattru li trid taħdem - il-maskra tiegħek. Imma int min int?

PANTALONE: Eh? Qed ngħidlek; Sor Pantalon dei Bisognosi jien...

SPETTATUR: Iva naf! Dik il-parti tiegħek fil-kummiedja. Imma fis-sewwa min int int tassew?

PANTALONE: Pantalone - le?

SPETTATUR: Le!

PANTALONE: Le?

SPETTATUR: Lee!!

PANTALONE: Le mela.

SPETTATUR: Dik il-maskra tiegħek! Qed tifhem? Mhux fil-ħajja - fil-ħajja int differenti!...

PANTALONE: Ah, jiġifieri... trid tgħid?...

SPETTATUR: Eh, qed tifhem? Int - int tassew, min int?

PANTALONE: Aaah! Qed nifhem! Jien.. *(Indeċiż)* Jien... Sor Pantalone dei Bisognosi, merkant u...

SPETTATUR *(jgħaddas rasu bejn idejh - jaqta' jiesu.)*

PANTALONE: ...Nobbli ta' V'nezja. Imma mhux hekk?

SPETTATUR*:* Ma jimpurtax. Ma jimpurtax ara.

PANTALONE: Agħdirni. Nixtieq naf ngħinek. *(Pawsa.)* Int imma - min int *int*?

SPETTATUR: Jien - ma jimpurtax min jien jien . Jew aħjar, għalik ma jistax jimporta. Għalija jimporta wisq biex ngħidlek. Jien spettatur - għalik biżżejjed.

PANTALONE: La qed tgħid int. Imma min jaf kieku nibdew!...

SPETTATUR *(fuq kliemu):* Għajjien wisq. Għajjien. Dal-pajjiż mhux kbir wisq. M'ilix f'dawn l-inħawi wisq lanqas - bil-kemm ilħaqt tliet staġuni. Ma tlift ebda rapprezentazzjoni, f'ebda teatru. U safrattant diġà ħlejt ruħi. Rajt kull ma kien hemm x'tara; mort kull fejn kien hemm immur. Għejejt malajr wisq. ...Imma mhux minn dejjem kien hekk! Niftakar kien hemm żmien! - xi darba, ma niftakarx sewwa meta, imma kien hemm... xi darba ... żmien. Kien hemm - naħseb.

PANTALONE: Bla dubju. Irid ikun hemm żmien - xi żmien - meta. Imma taqtax qalbek! Issa la nibdew l-ispettaklu aħna - issa tara kif malajr tiġi f'tiegħek!

SPETTATUR: Jalla. Din naħseb li l-aħħar tama tiegħi li nsib xi ħaġa biex inderri. Għax qaluli wkoll, "Jeħtieġ idderri; li għandek qalbek dgħajfa mhix skuża biżżejjed biex ma tagħmel xejn. Mur xi mkien - interessa ruħek u qum ftit fuq tiegħek." U jien ippruvajt kieku; mhux ħtija tiegħi li ma sibt xejn li jqanqalni - xejn li jimpenjani b'ruħi u ġismi!

PANTALONE: Tinkwieta xejn! Aħna issa nqajmu 'l dawn - *(juri lejn il-kummidjanti fl-art)* - u meta jistenbħu lkoll imbagħad - ħalli f'idejna mbagħad! Ħalli f'idejna! Nibdew! *(Jersaq lejn ARLEKKINU.)* Tarah 'il dan? Ftit ieħor u ma żżommux wieqaf b'mażżra!

*ARLEKKINU, dahru mal-karru u nofsu moħbi minn kostumi oħrajn, huwa l-uniku fost il-kummidjanti li jinsab fuq saqajh, għalkemm huwa milwi tnejn minn qaddu, b'rasu u idejh imdendlin 'l isfel.*

PANTALONE *(ifarfarlu t-trab minn fuqu):* Ej, stenbaħ Arlekkinu - qum. *(lill-ISPETTATUR)* Sur Spettatur, dan Arlekkinu. Arlekkinu, dan hu s-sur Spettatur. *(Ebda tweġiba.)* Ej, stenbaħ,

Arlekkinu! *(PANTALONE jipprova jwaqqfu dritt - ħsejjes ta' żaqżiq idarras. Għal waqt wieħed ARLEKKINU jieqaf dritt.)* Hekk! *(ARLEKKINU jerġa' jintelaq kif kien.)* Santa pazenzja! Kull darba ssir aktar iebsa biex tqajjimhom, ja qabda għażżenin! *(Jipprova bil-ħlewwa.)* U isa, Arlekkinu. Arlekkinu? Arlekkinuzzu - Arlekkinuzzu-uzzu-uzzu-uzzu... Għidli li stenbaħt, Arlekkinu ta' qalbi!

*ARLEKKINU jxengel rasu, "Le!"*

PANTALONE *(jitlef sabru - ifajjarlu bil-bastun):* Ja bugħażż, għażżien, skansafaċendi! Qum jew indewwaqlek dan! Arlekkinu tax-xjaten, qed ngħidlek qum!

ARLEKKINU *(joqmos tnejn 'il bogħod minn PANTALONE u jieqaf dritt):* Qomt! Qomt u għandi l-żuħ! Għandi l-għats! Tini niekol - tini nisrob! Kemm hu bard! Għejejt rieqed! Żibli sizzu. Fejn se npozzi! Għejejt - ħalluni norqod - se norqod - irqadt! *(Itella' idejh ma ħaddejh, tabirruħu rieqed.)* Bonzwa għalikom!

PANTALONE *(iħaddem il-bastun):* Torqodx Arlekkin!

ARLEKKINU *(joqmos imma jibqa' tabirruħu rieqed):* Għandi l-żuħ! Bil-għats! Jien rieqed.

PANTALONE: Qum! Min jorqod ma jaqbadx ħut!

ARLEKKINU: Arlekkinu mhus sajjied! Jorqod mela!

PANTALONE: Eh iva, mela ħu din - u din - u din! *(Jagħtih bla ħniena.)*

ARLEKKINU *(iqum malajr):* Is-sjafek! Jekk rieqed mhus suppost ħassejthom id-daqqiet - mhus sew tà! Lanqas l-irqad ma tista' tafda!

PANTALONE: Qajjem lill-oħrajn issa, ħaffef. Colombina, Brighella u l-Kaptan - qajjimkom ilkoll! Hawn das-sinjur Spettatur qed jistenna lilna; ġie għalina apposta.

ARLEKKINU: Min? *(Iħares minn taħt il-għajn lejn L-ISPETTATUR.)* Dan? Dan għandna għal-lejla?

PANTALONE: Dak! U m'għandux ħin x'jaħli. Mur qajjimhom.

ARLEKKINU *(idur ma' L-ISPETTATUR, ixammem miegħu):* Imma... dan biss? Dan - dan mhus biżżejjed! U kemm hu rqiq ukoll!

PANTALONE: X'jiġifieri? Mela dak xi aringa biex nikluha!? Toffendih hekk lis-sinjur, imissek tistħi!

SPETTATUR *(iżommlu l-bastun):* Le, ma ġara xejn - ma ħadtx għalija tibżax. Imma kieku taħsbu biex tibdew il-kummiedja...

PANTALONE: Għandek raġun! Arana bdejna senzaltru! Isa, Arlekkinu - titnikkirx aktar. Jeħtieġ nibdew issa stess!

ARLEKKINU: Nibdew - kelma għedt kieku!... Ma rridu sejn biex nibdew; ħallu f'idejja. *(Jersaq f'nofs il-palk; ikellem il-platea)* Sinjuri - sinjuri rġiel u sinjuri nisa - sinjuri kbar u sinjuri żgħar - u zkejknin ukoll! - Il-Kummiedja bdiet! Taraw, sinjuri, sejrin, seni ta' mħabba ħlewwa ta' qalb; tisimgħu żrajjiet ta' għerf u qlubija bla qies! - żfin inkantevoli u meraviljus jgħassaq l-għajnejn! U tidħku... Uuu kemm se tidħku! Tidħku biz-zajt u l-ħmerijiet li Arlekkinu u sħabu biss jafu jagħtukom! Iva, sinjuri - il-kummiedja bdiet!

*Iċapċap lilu nnifsu - jagħmel inkin lejn il-platea u jibqa' milwi tnejn, rasu 'l isfel bla ma jiċċaqlaq.*
*Pawsa.*

SPETTATUR: X'qed tistennew?

PANTALONE: Kompli, Arlekkin!

ARLEKKINU *(għadu rasu 'l isfel):* Ma nistas!

SPETTATUR: Imma din marda tagħkom! Dejjem se tibdew u qatt ma jiġri xejn! Komplu!

ARLEKKINU *(jieqaf dritt):* Iss, mela tort tagħna? Biex nibdew il-kummiedja jeħtiez il-bakketta mazika!

SPETTATUR: Bakketta mazika! *(Bi tmasħir)* Ma teżisti ebda bakketta *mazika!*

PANTALONE: Imma għandu raġun Arlekkinu, sur Spettatur. Biex nibdew il-Kummiedja dejjem kienu jiġu s-sħaħar u l-allat...

SPETTATUR *(bħal qabel)*: Is-sħaħar u l-allat!...

ARLEKKINU: ...Mela! Iz-zħaħar u l-allat u jagħtuna l-bakketta mazika! *Imbagħad* tibda l-Kummiedja!

SPETTATUR: Ma se jiġu ebda sħaħar - ma se jkun hawn ebda allat. U ebda bakketta maġika. *(Kiebi)* Ma se jkun hawn ebda kummiedja - lanqas il-lejla.

ARLEKKINU: Min jaf kieku nfittsu si ħaza nużawha flok bakketta mazika?!

PANTALONE: Infittxu? Imma fejn - fejn?

*Iħares madwaru - ifittex.*

ARLEKKINU: Infittsu! Infittsu u nsibu; si ħaza jrid ikun hawn. *(Lill-ISPETTATUR)* Fittes magħna, sieħed!

SPETTATUR*:* Infittex fejn? Imbagħad f'dad-dlam - ma tara xejn.

ARLEKKINU: Forsi għajnejk m'għadhoms li kienu - mhus bilfors jaħti d-dlam miskin, ma taħsibs?

*L-ISPETTATUR jibqa' ma jitħarrikx. ARLEKKINU jfittex madwaru - jispiċċa jteftef ukoll ma' ħwejjeġ L-ISPETTATUR.*

ARLEKKINU *(isiblu t-torċa fi ħżiemu):* Di ' s'inhi?

SPETTATUR: Dik torċa. Tawhieli jien u dieħel...

PANTALONE: Il-bakketta maġika! Hemm hi! Ġabhielna s-sinjur u ma ntbaħniex, Arlekkin!

SPETTATUR: Mhux ġibtha - tawhieli.

PANTALONE: L-aqwa li qiegħda hawn! *(Joħroġ idejh biex jeħodhielu.)*

SPETTATUR: Imma - għandkom bżonnha?...

PANTALONE: U ngħid! Essenzjali!

ARLEKKINU: Sensjalissima!!

SPETTATUR: Ma nistax inżommha jien? M'għandkomx dawl hawn? Ftit ilu kien hawn...

PANTALONE: Hawn mela le - tibżax! Dalwaqt jixgħelu kullimkien...

SPETTATUR: Imma kemm idumu? U joqogħdu jinxtegħlu u jintfew il-ħin kollu kif għamlu l-ewwel?...

PANTALONE: U le, le. Issa tara. Ġib. *(Jieħu t-torċa. Jixgħelha madwaru ferħan se jtir.)* Il-bakketta maġika, Arlekkin!

ARLEKKINU: Mazika! Kemm hi sbejħa! Issa iva - issa tara kif kulħadd iqum!

PANTALONE: Ħudha, Arlekkin! Mur qajjimhom isa!

ARLEKKINU: Is-sifna mazika - il-banketta mazika u z-zeħer iseħħ! *(Jersaq lejn il-karru.)* Nibdew minn sieħbi Brighella, Sor Pantalon?

PANTALONE: Ibda, ibda! Ah, il-lejla, sur Spettatur - il-lejla se taraw ħwejjeġ tal-għaġeb! Tal-għaġeb! Ibda, Arlekkin!

ARLEKKINU: Għalina mela! *(Jitla' fuq il-karru ħdejn Brighella, jixgħel it-torċa għal fuqu.)* Zeħer

zeħer taz-Żharijiet - Abrakadabra, Abrakadabrella - qum u stenbaħ, sieħbi Brighella! *(Brighella ma jitħarrikx.)* Wej, Brighella! *(Iċaqalqu - jitbaxxa fuqu. Jinġibed lura malajr.)* Jaqq! S'riħa ta' nbid qares għandu! Dan sgur sorob si sarba papali, Sur Pantalon!

PANTALONE *(jagħti bil-bastun fuq Brighella):* Għażżenin! Ilkoll li intom għażżenin! *(Lil ARLEKKINU)* Ħallih lil dak; mur qajjem 'il xi ħadd ieħor!

ARLEKKINU: Nipprova. *(Jersaq lejn PIERROT u COLOMBINA ħdejn l-għadira. Mitluqa f'ħoġor PIERROT hemm mandolina.)* Ah, Pierrot! Pierrot sgur li jqum. Hi, ara; għandu wizzu msarrab bid-dmugħ ta' l-aħħar darba! Imsejken Pierrot, kemm beka! Imsarrab għasra! Mhus bilfors miskin...

SPETTATUR: Għaliex? Xi ġralu l-aħħar darba?

ARLEKKINU: Mititlu Coquette miskin.

SPETTATUR: L-għarusa tiegħu?

ARLEKKINU: U s'għarusa! Il-kelba kienet Coquette; kelba skejkna, gustuża. Miskina, waqgħet fl-għadira - plop! - u għerqet! M'hemms li jistabar imsejken.

PANTALONE: Qajmu!

ARLEKKINU: Tgħid mhus aħjar inħalluh rieqed, jistrieħ?...

PANTALONE: Qajmu!

ARLEKKINU: Inqajmu mela. *(Kantaliena bħal qabel, iżda b'anqas briju; aktarx melankoniku.)* Zeħer, zeħer taz-Żharijiet - Abrakadabra - Abrakadabro - tibkis iżjed, ħabib Pierrot.

*Jixgħel id-dawl tat-torċa f'wiċċu.*

PIERROT *(bil-mod il-mod jgħolli rasu):* Min? Min isejjaħli? *(Jilmaħ id-dawl tat-torċa. Bil-kemm*

*mhux b'ferħa.)* Il-qamar! Huwa int li ġejt tfarraġni?

ARLEKKINU: Il-qamar m'inies, Pierrot sieħbi!

PIERROT *(iqum bil-wieqfa b'għeja kbira):* Fejn hu l-qamar mela? *(Iħares madwaru b'dieqa.)* Dejjem id-dlam. Għadu l-lejl. *(Jogħrok ġenbejh u dirajgħ, mirżuħ.)* Qed inħossu - għadu l-lejl. Imma l-qamar fejn hu, mela?

ARLEKKINU: Hekk hu! Jekk hu l-lejl suppost hawn il-qamar. Jekk talanqas mhus se jkun lejl bla qamar...

*ARLEKKINU jħares 'il fuq - ifittex fid-dalma ...U joħroġ il-qamar (?)*

ARLEKKINU: Hemm hu! Issa li għandna l-qamar m'hemmx għalfejn titnikket aktar.

PIERROT *(iħares 'il fuq - jimxi lejn fejn qed jara l-qamar.)* Il-qamar! *(Jieqaf hekk kif jasal ma' ġenb l-għadira. Iħares 'l isfel. Jiftakar. Imbikkem.)* Coquette! Coquette tiegħi! (*Jixref lejn l-għadira, donnu jrid iżomm lil xi ħadd. Ikun kważi se jaqa' fiha li ARLEKKINU ma jżommux.)* Coquette! Iċ-ċkejkna Coquette tiegħi!

PANTALONE: Hemm aħna! Bla moħħ ilkoll li intom! *(Lil ARLEKKINU)* X'ridt tmur tqajmu tagħmel 'il dak? Ma tafx li dejjem hekk jispiċċa?!...

ARLEKKINU: Mela ma nafs! U jien għedtlek!...

PANTALONE: Bla moħħ! *(Idur fuq PIERROT li reġa' niżel inewwaħ ħdejn l-għadira.)* U int aqtagħha! Xebbajtna issa b'din Coquette tiegħek! Taħseb li n-nies tiġi hawn biex tara lilek tnewwaħ?

PIERROT: Jisgħobbija! Imma mhux jien tlabt li nistenbaħ. Għalija aħjar ħallejtuni rieqed. *(Jolfoq.)* Xi tridni nagħmel; malli nistenbaħ... niftakar! *(Jolfoq bla heda.)*

PANTALONE: Bdejna! Bdejna! Imma għiduli kif tista' ttella' kummiedja bħal dari b'dawn l-irjus tas-serratura! *(Jiżvoga bil-bastun fuq ARLEKKINU.)* U int iċċaqlaq! Mur qajjem lill-oħrajn għax b'rasek se jdur! Mur - itlaq - ħaffef - iċċaqlaq!!...

ARLEKKINU: Jiena kieku mmur nitlaq inħaffef nizzaqlaq, Sor Pantalon, imma si trid tagħmel jekk l-oħrajn ma jridus jizzaqalqu?!

PANTALONE: Ċaqlaqhomn! Obdi jew taqla'!

ARLEKKINU: U meta nobdi sorta naqla'! Ma zara sejn imma; issa nqajjimlek lill-għażiża bintek, is-sbejħa Colombina! *(Jersaq lejn COLOMBINA!)* Zeħer, zeħer taz-Zħarijiet - Abrakadabra, Abrakadabrina - tbissem u qum, zbejħa Colombina!

COLOMBINA *(tqum):* Sebaħ! Imma għadu kmieni - għadu wisq kmieni.

ARLEKKINU: Imma issa li qomt int, iqum kulħadd, zbejħa Colombina! Tistenbaħ is-sems, jisgħelu s-smewwiet, jgħannu l-għasafar zkejknin!!…

COLOMBINA: Imma aħna biss għadna stenbaħna? *(Tilmaħ lil PIERROT.)* Pierrot! *(Titbaxxa fuqu, ħiemed jibki.)*

ARLEKKINU: U ħallih lil Pierrot, Colombina! M'intis tara kemm għadu mnikket?

COLOMBINA: Imsejken Pierrot.

ARLEKKINU: Dak moħħu biss fil-qamar… u f'Coquette!

COLOMBINA: Dik Coquette! Dejjem Coquette! Qed nieħu gost li għerqet. Imma din li jkolli nissielet għal imħabbtu ma' …kelba! *(Bi tnehida)* Imsejkna jien.

PANTALONE *(jersaq biex jgħannaqha):* Ah, binti! Kif jimtlew bid-dija dawn l-għajnejn għajjiena

ta' msejken missier għad-dehra tiegħek!...

COLOMBINA *(twarrab minn ħdejh, tmur tinxteħet ħdejn PIERROT, isabbru)* Pierrot!

PANTALONE *(isib ruħu jgħannaq il-baħħ):* …biex ngħid is-sew, dehra bil-wisq qasira, f'ġieħ Ġove! *(Lill-ISPETTATUR)* Agħidirna, sur Spettatur; ma nafx x'inhu jiġri l-lejla!

SPETTATUR: Nagħdrek. U nistenna jien.

PANTALONE: Ah, tistenna. *(Itih ħarsa ftit kerha.)* Dażgur, hawn int tistenna. *(Idur madwar il-palk.)* Ma nafx x'inhu jiġri. Kollox imgħawweġ ġej! *(Jipprova jqajjem lill-kummidjanti l-oħrajn.)* Qumu minn hemm - ċaqalqu! Brighella, qum j'għażżien! Dottor Balanzon - fejn hu Dottor Balanzon? U l-Ballerina?! Qumu?!

ARLEKKINU: Eh, Sor Pantalon, Sor Pantalon, sotta sotta ġejja l-lejla. Il-grazzjuza Ballerina ilha s-snin twal twal ma tistenbaħ u Dottor Balanzon, dak ikolli ngħid kiel xi ikla kotba tqal tqal bil-Latin u baqgħulu fuq l-istonku. Waqt li l-Kaptan Spaventa, dan ukoll... Imma stenna! *(Jieqaf ħdejn il-figura tal-KAPTAN.)* Dan le! Kulħadd jaf li Kaptan Spaventa m'għandu sejn fuq l-istonku - u wisq anqas f'moħħu!

PANTALONE: Qajmu! Ma nistgħux nibqgħu hekk, weħedna, jiena u int biss! Qajmu!

ARLEKKINU: Bies inservik mela! *(Jiżfen madwar IL-KAPTAN.)* Zeħer, zeħer taz-Zħarijiet - Abrakadabra, Abrakadabran, il-Kaptan Spaventa huwa baħnan!

KAPTAN SPAVENTA *(jaqbeż fuq saqajh - jislet ix-xabla):* Ragħad u sajjetti! Kaptan Spaventa ta' Vall' Infern huwa jien! *(Jattakka lil ARLEKKINU.) Un-deux-trois! Touchè!* Ċedi viljakk!

ARLEKKINU *(għarkobbtejh):* Ħniena! Ħniena, oh wisq qalbieni, Kaptan!

PANTALONE: Bravo! Bravo! Kaptan! Sa fl-aħħar! Ħsibt li se nitilfu s-serata kollha! Ħadd mill-oħrajn ma jrid iqum jaħasra!

KAPTAN: L-oħrajn? X'tambuhom l-oħrajn meta għandkom lili? Aaah! Ragħad u sajjetti!

ARLEKKINU: U beraq!

KAPTAN: Ragħad u sajjetti!! Triegħed, o sema - staħba ja xemx! Kelma ta' Kaptan Spaventa ta' Vall'Infern, la hawn jien - hawn kulħadd! AAAaaaahhh! *(Jagħti fuq sidru, jgħajjat - suppost għajta ta' ljun - tispiċċa fi tqaħqiħa marradija.)* F'ġieħ Belzebub! Kemm domt rieqed daru għalija l-mikrobi! Tradiment faħxi! Sabutaġġ! Sabutaġġ!

PANTALONE: Imma l-aqwa li erġajt magħna! Issa kemm inqajmu 'l Pulċinella u nerġgħu ngħaqqdu l-kumpanija bħal dari!

ARLEKKINU: Imma tgħid jaqbel li kollos jerza' jkun bħal dari, Sor Pantalon? Jekk ma rridus għawz, aħjar inħalluh ininni lil Pulzinella.

KAPTAN: Ħa! Tkellem il-ġifa! Il-kodard! Tibża' minn Pulċinella int? Minn dak il-ħotbi aħdar, ħajjen u ħażin...

*Mir-rokna tiegħu PULĊINELLA jidher jitnaffar u jonfoħ, imma għalissa ma jqumx.*

KAPTAN *(jiħdiel - jibdel it-ton):* …Biss, minkejja dawn id-difetti ċkejknin li wieħed jista' jifhem u jagħder, forsi għandu nitfa raġun Arlekkinu. Mhux ta' min wieħed itellifħielu dik in-nagħsa ħelwa lil ħabibna Pulċinella…

*PULĊINELLA jagħti ħjiel li qed jistenbaħ.*

PANTALONE: Le. Jeħtieġ li jistenbaħ hu ukoll! Kollox bħal qabel irid jerġa'! Ah dari - iż-żminijiet ta' dari! Il-ħajja ta' dari! Ah, uliedi - sabiħ li tgħix! Sabiħa l-ħajja - u kif kien jgħid il-kollega

Dottor Balanzon, “Gaudeamus, gaudeatur, gaudeantium… ”

ARLEKKINU: La tgawdi tgawdi, dak hu fatt! Rajts kif naf bil-Grieg!

**PANTALON**: Igdem ilsienek, j’injurant! *Ignorantium in deficit, ignorantiatum!*

ARLEKKINU: …Tum! Ikolli nammetti li “injoranjtum” ma nafs si tfisser.

PANTALONE: Rajtx! Imissek tistħi!! Mur qajjem ’il Pulċinella, ja ħmar!

ARLEKKINU: Jiena nistħi u ħmar, imma ’il Pulzinella ma nqajjmus, Sor Pantalon.

PANTALONE: U jien intennilek - int imissek tistħi - int ħmar - u ’il Pulċinella jkollok tqajmu!

ARLEKKINU: U jien nistħi għal darba tnejn - jien ħmar doppju - imma ’l Pulzinella ma nqajmus!

PANTALONE: U jien intenni ntenni!… *(Jgħolli l-bastun.)*

PULĊINELLA *( iqum f’salt u joħroġ b’qabża għal nofs il-palk):* Kukkuruku! Pulċinella jiena w’hawn!*(Għandu għasluġ oħxon f’idu - jużah indiskriminatament fuq min ġie ġie.)* Fuq min tiġi jkun sultan! Iva, sinjuri - Pulċinella jiena w’hawn!

ARLEKKINU *(mar jitrekken wara l-karru)*: Mamma mia, issa korrejna!

PULĊINELLA *(iġebbdu minn widnejh - joħorġu għan-nofs):* X’int tgedwed, j’Arlekkin? U xi smajt - xi smajt dina tiegħek li int lili ma tridx tqajjem?

ARLEKKINU: Imma dik ma tgħodds, Sur Pulzinella! Jekk kont imqajjem, kif stajt inqajmek?

PULĊINELLA: Kliemek mhux għal kollox oriġinali, ja ħlejqa bla sinsla, imma tajjeb għalik li lsienek idurlek, għax li kieku kien idur il-bastun tiegħi, ħabib tiegħi! *(Itaptaplu daqqa ġmielha fuq dahru. ARLEKKINU jogħtor.)* Ja ħabib KBIR tiegħi, Arlekkinu. *(Daqqa aqwa u ARLEKKINU jispiċċa fl-art.)*

ARLEKKINU: Il-ħbiberija tiegħek qalila tassew, ħabib Pulzinella.

PULĊINELLA: Magħruf jien għall-ħbiberija! Qalbi soda, injam fagu, l-istess bħall-bastun u l-ħotba tiegħi - din il-ħotba ċkejkna tiegħi. Ċkejkna iva, imma kbira ħafna - kbira wisq! - f'għajn in-nies! Kulħadd jafha din il-ħotba tiegħi; tajjeb mela li kulħadd isir jaf il-bastun tiegħi ukoll! Kollox bħall-aħwa jeħtieġ naqsmu! Ħuti l-għeżież! Ersqu - ersqu! Tgħidulix li qed taħarbuni - jien il-kbir ħabib tagħkom.

PANTALONE *(jagħti pass 'il quddiem u tnejn lura):* Ħabib Pulċinella, min jaħarabek - aħna? X'hemm isbaħ mill-ħbiberija - l-imħabba - il-fratellanza fost il-bnedmin?! Ah - il-ħbiberija!! *Amicus amicandum vox popoli, amen!* Kif kien jgħid l-għaref Papas Malmenanus, qatt minsi mid-devoti tiegħu!

PULĊINELLA: Ħabib Pantalon! Nitgħaxxaq nintebaħ li kliem il-għerf minn fommok qatt ma jieqaf - kieku xi darba jibda! U int - int, Kaptan Spaventa, qalbieni fost il-qalbenin - faħħari fost il-faħħarin - int m'għandek xejn x'tgħidilna? Xi ġrajja ta' mewt u qirda - ta' qilla jew ġjufija - ta' demm!?

KAPTAN: Demm, iva! U qlubija! Ingħidilkom mela! *(B'amar.)* Isimgħuni lkoll! ...U int ukoll, sur Pulċinella, dejjem jekk jogħġbok tweġġaħni bil-preżenza stimatissima tiegħek…

PULĊINELLA: Inweġġħek - inweġġħek! Nisimgħu l-aħwa - issa li lkoll ħaġa waħda rġajna - issa li l-qaqoċċa rġajna għaqqadna - nisimgħu!

*ARLEKKINU, PANTALONE u PULĊINELLA jinxteħtu bil-qiegħda madwar il-KAPTAN SPAVENTA. L-ISPETTATUR, waħdu f'genb il-palk iħares lejhom, aktar ma jmur aktar jagħti ħjiel li qed jitlef is-sabar.*

KAPTAN: Isimgħu l-aħwa! U tkexkxu! Mela din hi l-ġrajja tat-taqtigħa ma taqta' xejn li darba kelli

f'Jum l-Erwieħ kollha ma' Belzebub. Kienet...

ARLEKKINU: Ah, s'disgjazza! L-erwieħ kollha ma' Belsebub! Ħadd m'hu se jsalva! Ħadd! L-erwieħ kollha ma' Belsebub!…

KAPTAN: Iskot defiċenti! Jien għedt "F'Jum l-Erwieħ Kollha ma' Belżebub!…"

ARLEKKINU: Appuntu! Aah - magħmula tagħna!

KAPTAN: Agħlaq ħalqek, Buffu! Jien se nkompli jew ma nkomplix?

PULĊINELLA: Kompli, Kaptan. Milli jidher din tiegħek ġrajja mħawda qatigħ, imma forsi nifħmu aħjar. Kompli…

SPETTATUR *(jinterrompi):* Isma', skużawni ftit. Jien…

COLOMBINA *(flimkien ma' PIERROT, dejjem rasu mgħaddsa fuq sidru u mnikket, tersaq lejn il-KAPTAN. Tinterrompi lill-ISPETTATUR):* Għadkom hawn intom? Għadkom ma ddejjaqtux iddejqu lil ħaddieħor? Għax ma tagħlqux ħalqkom jekk minnu ma joħroġx għajr ħmerijiet? Hemm affarijiet wisq isbaħ fil-ħajja milli tisimgħu d-diwi ta' leħinkom jakkumpanjakom tul għomorkom. Għax ma titgħallmux minn Pierrot?

KAPTAN: Haa! Minn Pierrot!

COLOMBINA: Minn Pierrot, iva! Taħsbu li għax tarawh sieket m'għandux ilsien biex jgħid dak li jħoss kieku jrid? Jekk ma jitkellimx għax dak li jaf, u dak li ħass...

ARLEKKINU: Ħass u spinaċi! Kaboċċi!

COLOMBINA: …Għax dak li ħass ma jsibx kliem kif jurih, għalhekk! Intom pupi ħdejh! Hu raġel tassew! Raġel għaref, intelliġenti, matur…

ARLEKKINU: Magħdur - magħdur miskin!

COLOMBINA: U int - int kemm se ddum ittenni l-istess ħmerijiet - l-istess buffunati li ħadd m'għadu jidħak bihom? Meta se tikber?

ARLEKKINU: Meta jtuni niekol ikolli ngħid, sbejħa Colombina!

PULĊINELLA: Hawn din għat-togħma, ħa! *(Jagħtih bl-għasluġ.)* Hekk; forsi titgħallem! Quddiem din in-nobbli kreatura kif ma tistħix iġġib ruħek hekk? Ah, Colombina, anġlu tas-sema, kif int imdawra bl-imbeċilli! Ah, li kieku m'hawnx jien niddefendik, nieħu ħsiebek, nindukrak...

COLOMBINA *(bi stmerrija)*: Nizzik ħajr, sur Pulċinella, 'ġà għandi min jieħu ħsiebi…

PANTALONE: Għandha lili - għandha lili! Binti! Ah, kif jimtlew bid-dija dawn l-għajnejn ta' msejken missier għad-dehra tiegħek!

*PANTALONE jintefa' fuqha biex jgħannaqha, COLOMBINA tatih daharha u ddur fuq PIERROT - PANTALONE jsib ruħu jgħannaq lil PULĊINELLA. ARLEKKINU u L-KAPTAN jinxteħtu fuq it-tnejn l-oħra - jitbahardu u jiżżuffjettaw fuq xulxin.*

COLOMBINA: Għalxejn, Pierrot! Ħudni minn hawn! Ma niflaħx nissaporti iżjed qalb dawn l-irjus vojta! Ħudni, Pierrot! Kellimni int. Int taf titkellem kieku trid - kellimni fuq l-imħabba, Pierrot!

PIERROT: Imħabba? L-imħabba...

COLOMBINA: Kif tlissinha int ma jlissinha ħadd, Pierrot! Imħabba! Ejja, Pierrot - kellimni fuq l-imħabba. *(Tmexxih lura lejn l-għadira.)* Pierrot, Pierrot!

PULĊINELLA: Ma ġara xejn - titnikktux l-aħwa. Xorta ngħaddu mingħajrhom - anzi aħjar!

PANTALONE: Imma kif tistinka kemm tistinka ma jirnexxilek qatt ittella' kummiedja brillanti bħal dari…

KAPTAN: Imma mhux meta għandkom lili! Komplu - komplu isimgħu din ġrajjieti… Mela, kien immela Jum l-Erwieħ Kollha...

ARLEKKINU: Magħmula tagħna! Jum...

SPETTATUR *(issa deċiż - jersaq fuqhom): Iskot int!* Ieqfu!

PULĊINELLA: Dan min hu?

PANTALONE: Eh, għax ridt ngħidlek, Sur Pulċinella; dan l-Ispettatur.

SPETTATUR: Le! Skużawni ftit!

PULĊINELLA: L-Ispettatur? Hawn? Fuq il-palk?! Din fejn smajnieha!

PANTALONE: Ma tafx int, sur Pulċinella; l-affarijiet li jiġru fit-teatri daż-żmenijiet!…

PULĊINELLA: Minn daqshekk - tassew! X'għarukażijiet! Qed joqtlu l-palk tagħna! Qed joqtlu l-arti tagħna! Qed joqtlu lilna! Lilna! *(Idur fuq L-ISPETTATUR.)* Bonswa għalik, sur Spettatur. Allura int ġejt tara lilna mela, eh? U għidilna - għidilna, x'deherlek s'issa?

SPETTATUR: Bonswa. Iva, fuq hekk ridt ngħid jien...

PULĊINELLA: Fuqna, hux hekk? Interessanti, ma taħsibx?

SPETTATUR: Eh - iva - insomma - mhux tas-soltu - le, mhux tas-soltu, minn daqshekk veru. Kienu wissewni iżda, issa li qed niftakar; intom mhux bħall-oħrajn, qaluli. Kollox spirtu pront, mhux hekk?

PULĊINELLA: Hekk hu! Aħna nagħżlu li għandu jsir hawn. Aħna. Din ħajjitna - ħielsa minn kull xkiel - ebda kupjun li jiddettalna s'isir u x'ma jsirx!

PANTALONE: Ħielsa!

KAPTAN: Liberi!

ARLEKKINU: Bla skiel!

PULĊINELLA: Aħna s-sidien tagħna nfusna! Din hi l-vera arti! Dan hu l-ħelsien!

KAPTAN: *Liberté! Fraternité! Égalité*!

*L-ISPETTATUR jibqa' xufftejh imkemmxin...*

PULĊINELLA: Forsi imma s-sur Spettatur jixtieq jagħmel xi osservazzjoni ċkejkna.

SPETTATUR: Le, insomma…

PULĊINELLA: Le, għid, għid, sinjur; tibżax.

SPETTATUR: Għax, biex ngħid is-sew, għandi daqsxejn ta' dubju...

ARLEKKINU, IL-KAPTAN, PULĊINELLA, PANTALONE: Dubju!

SPETTATUR: Eh, irrid ngħid, ma nistax naqbad sew jekk il-kummiedja bdietx jew inkella qegħdinx tħejju biex tibdewha. Jidhirli li hemm xi ftit tal-… Ehhmm …Xi ftit tal-konfużjoni. Imma forsi sejjer imqarraq.

PULĊINELLA: Le, għaliex? M'għandekx dritt sagrosant tesprimi l-opinjoni tiegħek jewwilla?! *(Iħares bl-ikreh lejh - imbagħad lejn sħabu.)* Xi ftit konfużjoni, eh?

ARLEKKINU *(jipprova jiskużah):* Forsi ried jgħid - nuqqas ta' ideat zari.

KAPTAN *(aħrax*): Jew - ebda dixxiplina!

PANTALONE: Kaos sħiħ!

PULĊINELLA: Babilonja papali!

SPETTATUR: Le, forsi mhux eżattament hekk. Biss tassew nixtieq naf jekk dan li ġejt nara bediex jew le. Wara kollox, jeħtieġ li wieħed ikun jaf jekk dan il-waqt, dan il-ħin li hu għaddej, huwiex

biċċa mill-kummiedja jew inkella...

PULĊINELLA: Inkella?

SPETTATUR: Jew inkella… ħin moħli.

PULĊINELLA: Ħin moħli. Qed nifhem. Jiġifieri int trid taf jekk għandekx tinteressa ruħek f'dan li aħna qed nagħmlu u ngħidu hawn, jew jekk forsi għandekx tistenna... Dan li trid taf jiġifieri?

SPETTATUR: Għandi d-dubji tiegħi, kif għedt…

PULĊINELLA: Dubji! Għedtilna iva; għedtilna… *(Diżgustat.)* Dubji!

*Itennu l-kelma "dubji" taħt l-ilsien, PANTALONE, PULĊINELLA u L-KAPTAN SPAVENTA jitrekknu jikkonfoffaw flimkien, kultant jagħtu ħars ikreh lejn L-ISPETTATUR.*

*ARLEKKINU jħares lejh, jitbissem tbissima ta' idjota u jersaq lejn sħabu, jissemma'. Malajr iżda jinġibed lura minn ħdejhom imbeżża'. M'għandu mkien aktar fejn imur, jersaq lura lejn L-ISPETTATUR.*

ARLEKKINU *(l-istess tbissima ta' idjota):* S'lejla sabiħa, hus?

SPETTATUR *(għajnejh fuq l-oħrajn jikkonfoffaw):* Eh, iva. …Wara kollox jien ngħidilhom għall-ġid tagħhom stess. Jekk hemm id-dubji jeħtieġ li nammettu li jeżistu.

ARLEKKINU: Kulħadd minn daqshekk għandu d-dubji tiegħu.

SPETTATUR: Mela għax ma jammettux!?

ARLEKKINU: Kulħadd. U kulħadd jixtieq jaf u jifhem kieku. Imma sorta jkollna nkomplu. Inkomplu niżżuffjettaw, inkomplu niżfnu u nitbellħu - u nitqatlu!

SPETTATUR *(b'disprezz):* Il-Kummiedja jeħtieġ tkompli, hux hekk?

ARLEKKINU: Tkompli, għax ma tafx *(jikkoreġi ruħu)* għas ma tafs kif, ħin bla waqt tħares madwarek u tintebaħ li hemm Spettatur qed josserva kollox.

SPETTATUR: Ma kontux qed tistennewni l-lejla, hux hekk?

ARLEKKINU: Ħin bla waqt, meta lanqas biss tistennieħ. Xi darba min jaf meta. U safrattant? Safrattant tul il-ħin kollu li jibqa' trid tgħaddi sigħat sħah fil-ħemda u n-nofs dalma, tixxenja u titbellah. Biex imbagħad, malli jinxtegħlu d-dwal issib teatru battal. Imma allaħares kellna noqgħodu nitnikktu fuq hekk! Inkomplu - dejjem inkomplu!

SPETTATUR: Imma possibbli ssibu biżżejjed kummiedji ġodda?

ARLEKKINU: X'hemm bżonn ikunu ġodda? Aħna nimprovisaw sakemm nistgħu, imma hemm il-limiti safejn inwasslu. Iva kultant inċaqalqu sitwazzjoni, intarrfu l-possibilitajiet u nżewqu ċ-ċirkostanzi - imma l-kummiedja waħda tibqa'. Ftit tinbidel. Hemm il-limiti.

SPETTATUR: Imma m'għandux ikun hekk! Mhux għalikom!

ARLEKKINU: Hemm il-limiti.

SPETTATUR: ...Għalikom m'hemm xejn miktub! Intom ħielsa!

PULĊINELLA *(jieħu l-ispunt - jinħall minn ma' sħabu):* Ħielsa! Ah, xi kliem il-għerf! Iva, ħuti! Jeħtieġ niftakru! Aħna ħielsa!

PANTALONE: L-arti tagħna bla qies! Ħadd ma jindaħlilna! Inkomplu mela!

KAPTAN: Inkomplu. *(Lill-ISPETTATUR)* Tagħtix widen u kas dan l-imbeċilli, ħabib! Inkomplu!

ARLEKKINU: Dażgur - l-akbar buffu min jagħti widen ta' buffu…

PULĊINELLA: Iskot int! Telliftna ħin biżżejjed! Inkomplu!

SPETTATUR: Le, stennew - stennew, ħbieb! Ma tistgħux tkomplu kif kontu sejrin l-ewwel!

PANTALONE: U għaliex le?

SPETTATUR: Jeħtieġ infehemkom...

PULĊINELLA: U biex tfehemna jeħtieġ nieqfu. Se żżommna - se żżomm lilna u żżomm il-kummiedja.

SPETTATUR: Jeħtieġ!

PULĊINELLA: Jiġifieri, minkejja li int stess tammetti li aħna ħielsa madankollu aħna sakemm tfehemna int jeħtieġ li nieqfu. Minħabba fik. Tajjeb mela - nieqfu.

*Kulħadd jieqaf fejn hu. Ilkoll iħarsu lejn L-ISPETTATUR.*

SPETTATUR: Mhux għax irrid nindaħal, imma jeħtieġ.

PULĊINELLA: Le, kollox sew, la qed tgħid hekk... Tibżax; tkellem. Għid.

*Pawsa.*

SPETTATUR: Grazzi. Kelma waħda nixtieq ngħid…

PULĊINELLA: Ah, sa fl-aħħar l-aħwa! Sibna xi ħadd jifhem is-siwi tal-kliem! Xi ħadd li jikkuntenta ruħu b'kelma waħda biss!!… Skużani, interrompejtek. Iva; kont qed tgħid?…

SPETTATUR: Għax ifhmuni, xtaqt ngħid…

PULĊINELLA: Ixtieq! Ixtieq u għid! Nisimgħuk aħna. Niftħu widnejna lkoll! Hekk tajjeb?

SPETTATUR: Eh, iva… Imma kif kont se…

PULĊINELLA: Iva! Qal "Iva"! Ah, ħabib - nieħu gost nara li nonostante kollox meta niġu għal kwistjoni ta' prinċipju int ukoll taqbel magħna! Ah, kemm huma sbieħ il-ftehim u l-għaqda!… Imma ridt tgħid kelma int l-ewwel, hux hekk? X'qed tistenna? Għid - għid u titnikkirx iżjed - issa li d-dwal jinsabu fuqek - issa li ksibt nofs il-palk - għid! Nisimgħu kliem il-għerf! Nisimgħu din is-Sibilla, l-aħwa!

ARLEKKINU: Sibilla - s'isem gustus!!

PULĊINELLA *(dlonk isikktu b'daqqa ta' għasluġ):* Ikkumpatih, oh barrani...

PANTALONE: Buffu injurant kulma hu!

KAPTAN: Ġifa u kodard!...

SPETTATUR: JIMPORTA TĦALLUNI NITKELLEM! *(Skiet)* - Kelma! Kelma kulma ridt ngħid!

*Pawsa. Iżda hekk kif L-ISPETTATUR ikun se jkompli...*

PULĊINELLA: Tabilħaqq, Arlekkin! Agħlaq ħalqek. Ħalli s-sinjur jgħid il-kelma li ġie jtarrfilna!

*L-ISPETTATUR ikun se jerġa' jipprova, imma…*

KAPTAN: F'ġieħ Ġove! Jew tagħlaq ħalqek jew inġagħlek tibla' ilsienek u tiekol widintek biz-zalza ta' demmek!

ARLEKKINU: Iva jaħasra bil-kemm ftaħt fommi…

PANTALONE: Iva xejn. Silenzju!

ARLEKKINU: Għax... *(Jinżel għarkobbtejh bil-biża')*

PULĊINELLA *(jgħolli l-għasluġ)*: Tgħidx kelma oħra!

PANTALONE *(il-bastun)*: …Lanqas sillaba!

KAPTAN *(ix-xabla)*: Tgħid xejn!

PULĊINELLA, PANTALONE , IL-KAPTAN: SILENZJU!

*ARLEKKINU jieqaf issummat u mkebbeb ġo qoxortu, għajnejn magħluqa, ma jissugrax jitħarrek.*

PULĊINELLA *(l-għasluġ dejjem mgħolli fuq ras ARLEKKINU, imma kliemu indirizzat lejn L-ISPETTATUR):* Imma taraw fiex wasalna! Kulħadd jippretendi li jrid jgħid tiegħu! Kulħadd! U fuq kollox kulħadd jippretendi li nisimgħuh! Jippretendi li jrid *jaf!*

PANTALONE: *Ah, mundus!* Fiex wasalna! Fiex wasalna! *Mea culpa, mea maxima culpa!*
KAPTAN: Ragħad u sajjetti! Inkredibbli xi prużunzjoni!
PANTALONE: Tistagħġeb! X'ma tistagħġibx!
PULĊINELLA: X'wiċċ tost!
PANTALONE: Nistagħġbu - nistagħġbu lkoll, ħuti!
KAPTAN, PULĊINELLA, PANTALONE: Ah, kemm qed nistagħġbu!
SPETTATUR: Imma skużi... intom għalija qed tgħidu? Għax jien, skużi, mhux għax irrid nindaħal...
PULĊINELLA: Għalik? U lilek min jafek, skużi l-espressjoni? Aħna fuq Arlekkinu qed nitkellmu, mhux hekk, l-aħwa? Skużi!
PANTALONE *(ipoġġi fuq ARLEKKINU):* Bla dubju! Fuq Arlekkinu - fuq ħadd iżjed! - Skużi!
KAPTAN *(ipoġġi wkoll):* Bla dubju! Dana kif jiġi hawn, ħadd ma jafu, u jippretendi li jaf aħjar minna?! - Skużi!
PULĊINELLA *(ukoll):* Irid jgħid kelma - bla dubju! - kulħadd irid jgħid kelma, x'kull waħda!
PANTALONE: Din it-tolleranza - id-djalogu - x'tistenna! Għalhekk ġejja fiex gejja d-dinja! Ili ngħidha jien! Ah, x'ma tistagħġibx imma!
IL-KAPTAN, PULĊINELLA, PANTALONE: Aaa, kemm qed nistagħġbu!
ARLEKKINU *(jgħajjeb):* Aah, kemm qed nistagħżbu!
IL-KAPTAN, PULĊINELLA, PANTALONE *(itennu warajh awtomatikament):* Aah, kemm qed nistagħżbu!
PULĊINELLA *(immedjatament joqmos minn fuq dahar ARLEKKINU hekk kif jintebah kif daħaq*

*bihom. It-tnejn l-oħra jaqgħu minn fuqu wkoll):* Rajtuh ja prużuntuż! Kulħadd xhud - kulħadd rah jipprovokana! Tuh mela la ħaqqu!

*Ifajjar daqqa fuq ARLEKKINU, imma hekk kif jindaħal L-ISPETTATUR, ifajjar tnejn lilu wkoll.*

SPETTATUR: Le, stenn! X'għamel dan wara kollox? Bil-kemm qal kelma.. Stennew!…

PULĊINELLA: Nistennew? Le - issa le! Rajtx fiex ġejna nistennew lilek! Għax tajna widen lilek! Sibna min ixewwex - jiżra' d-dubji, jinsinwa u jikkalunja! Tuħ mela! Tuh!*(Iballat)*

KAPTAN *(issawwat bix-xabla)*: Ħaqq! Nagħmlu ħaqq minnu!

*ARLEKKINU jistaħba wara L-ISPETTATUR, iħalli lilu jaqla' d-daqqiet.*

*PANTALONE idur madwarhom ilkoll, kultant ifajjar daqqa bil-bastun fuq min ġie ġie u malajr jiskarta.*

SPETTATUR *(jogħtor taħt id-daqqiet - b'ARLEKKINU taħtu):* Le, isimgħuni - isimgħuni l-ewwel jaħasra!...

PULĊINELLA: Jaħasra xejn! M'hemmx ħniena! Din ġustizzja! Trid jewwilla tiddefendi lil min ikasbar l-ordni stabbilita - lix-xewwiexa?!

SPETTATUR: Le. Le...

PULĊINELLA: Qal le! Tuh mela! Nagħmlu ħaqq minnu!

KAPTAN: Tuh, ja kelb! Inkissrulu l-ġewża t'għonqu! Tuh!

PULĊINELLA: Ġustizzja!

SPETTATUR *(mitluq fl-art):* Le, ħniena… Qalbi - ajma qalbi... *(Jitkgħawweġ iżomm sidru.)* Qalbi!… *(Aktar daqqiet u wara ftit ma jitħarrikx aktar.)*

PULĊINELLA *(ikompli feroċi):* Ġustizzja! Tuh ja kelb! Tuh!

*Ikomplu jsawtuh għal xi waqtiet, imbagħad wieħed wara l-ieħor jieqfu. ARLEKKINU u L-ISPETTATUR jibqgħu*

*mitluqin ma' l-art.*

*Il-ħemda.*

*Donnu reġa' beda qed jidlam. Jekk kien hemm qamar, staħba.*

PULĊINELLA: Ġustiz...zja. Kienet biss… ġustizzja. *(Jimxi lura minn ħdejn L-ISPETTATUR. Idur lejn il-platea.)* Imma mhux hekk? *(Jintelaq fl-art, il-kedda għamlet bih.)* Jien - jien niġi hawn, lest nagħmel ħilti kollha biex inqajjem ftit is-serata - nagħti s-sehem tiegħi kif naf biex noffru spettaklu divertenti kif kwalunkwe udjenza rispettabbli tistenna, u mbagħad jiġi dan jipprova jeqridli xogħli - jiżra' d-dubji. Imma qed tifhmu - tifhmu jew ma tifhmux li ma stajniex inħalluh!

KAPTAN *(jintelaq ħdejn imbazwar):* Kien jistħoqqlu.

PANTALONE: Kienet… ġustizzja.

PULĊINELLA: Għiduli! X'jista' jagħmel aktar imsejken Pulċinella biex iċaqlaq ftit l-ilma qiegħed, iqajjem xrara interess u jara ftit ħajja madwaru? Ftit… ħajja.

*Jersaq PIERROT b'passi tqal, COLOMBINA ftit warajh, hi ukoll qalbha maqtugħa issa.*

PIERROT *(jgħarrex 'il fuq):* Fejn mar il-qamar? Ftit ilu hemm kien... Fejn staħba?…

PULĊINELLA: …Ftit ħajja.

PANTALONE *(ħdejn ARLEKKINU u L-SPETTATUR mitluqin fl-art):* Aah, ingratitudni! Aaa bnedmin infeliċi u għomja!

PIERROT *(għall-karba tax-xiħ iħares madwaru; donnu issa beda jintebaħ li ġara xi ħaġa ):* Hawn ukoll? Min bħali jibki xorti l-bniedem? Min bħali daq id-dieqa tad-dalma f'qiegħ qalbu maqsuma?

PULĊINELLA *(joqmos)*: Le - dan le! Ma nerġgħux nibdew! Mur- mur staħba fejn kont - itlaq ja

mummja ambulanti! Lilek jonqosna!

PIERROT: Imma ħabib, jien smajt l-għajat - smajt il-karba ta’ l-innoċenti - ħassejt l-uġiegħ tal-maħqurin..

PULĊINELLA *(jgħajbu jibki)*: U we, we, we! Biex tnewwaħ biss issibek! Mur - mur kompli ibki t-telfa ta’ ġeru stupidu aktar minn sidu - mur kompli xxennaq għad-dawl u qamar tal-landa ! Tagħtux kasu, sinjuri! *(Lill-platea)* Mhux kollox mitluf - ma nħallux is-serata taħarbilna! Inqumu l-aħwa! Jerġa’ d-dawl! Żfin u mużika,hena u daħk intom tridu, u żfin u mużika aħna nagħtukom; daħk u hena d-destin tagħna!

ARLEKKINU *(iqum ħafif minn taħt L-ISPETTATUR):* Tabilħaqq uliedi! Għandu rażun il-ħabib Pulzinella! Sa fl-aħħar bdejna nirrażunaw! Ninsew ftit il-bastun u nfittsu l-mandolina! *(Jaħtaf il-mandolina ta’ Pierrot minn ħdejn l-għadira u jdur, jiżfen u jdoqq madwar kulħadd.)*

PULĊINELLA: Hekk, hekk, Arlekkin! Kulħadd flimkien! Mużika! Għalik il-mandolina - għalija s-sbejħa Colombina!

*PULĊINELLA jaħtaf lil COLOMBINA u jżeffinha. PANTALONE u* ***L-****KAPTAN jagħmlu nkin grottesk lil xulxin u jiżfni wkoll - żifna goffa u bla grazzja. Tinstema’ l-mużika tal-bidu tad-dramm, imma donnha aktar imkarkra u għajjiena.*

PIERROT *(waħdu - iħares madwaru jipprova jifhem)*: Imma jien smajtu - deherli li smajtu - kien hawn xi ħadd għajjat “Ħniena!” Xi ħadd…

SPETTATUR *(jitħarrek - bil-kemm jiflaħ jgħolli rasu):* Għini - għini, ħabib!

*PIERROT idur maħsud iħares lejh, bil-kemm ma jkunx se jinġibed lura beżgħan.*

*Il-mużika tibda tmajna sa ma tieqaf għal kollox. Iżda wkoll fis-sikta ż-Żifna tal-Maskri tkompli b’pass imħeddel*

*għall-aħħar - "slow-motion" makabru.*

*PIERROT jagħmel l-almu u jinżel għarkobbtejh ħdejn L-ISPETTATUR.*

SPETTATUR *(iserraħ rasu f'ħoġru):* Jien… kont għedtilhom - qalbi dgħajfa - għedtilhom. Ma kellix x'naqsam… *(Iħares madwaru)* Għala diż-żifna? Qed tkompli l-kummiedja?… Tgħid… tgħid… jaħsbu li l-kummiedja ta' dari se tgħin?… Tgħid dak li …jaħsbu?

PIERROT: Iva. Imma strieħ issa, ħabib. Strieħ. Iva, dak li ħasbu. Xtaqu jgħinuk… *(Jieqaf - ma jiflaħx il-gidba).* Jgħinuk.

SPETTATUR: Għajnuna… kelli bżonn l-għajnuna iva. Imma kien jeħtieġ li nieqfu - nieqfu ftit u nitkellmu… Imma għaliex ma ħallewnix nitkellem?!

PIERROT: Mhux ħtija tagħhom, ħabib. Jien naf - jien bħalek fittixt ħabib biex jifhem. Imma spjegawli li n-nies għalkemm tixtieq tieqaf - tixtieq tagħder - ma tistax; iż-żmien feġġien u fieragħ ma tistax twaqqfu.

SPETTATUR: Imma għalhekk: ridt ngħidilom - xtaqt nurihom x'qed jitilfu huma li huma ħielsa - huma li jistgħu!… Għaliex ma semgħunix huma - huma li huma …ħielsa? *(Rasu taqa' fuq sidru bla ħajja.)*

PIERROT *(iħallilu rasu tintelaq ma' l-art bil-qajla l-qajla):* Jien... bħalek fittixt. U sibt biss id-dawl ta' qamar hemm fuq. U hu semagħni kull lejla - naf li semagħni... Imma għaliex ma wieġeb qatt - imqar darba?

*Id-dawl naqas kważi għal kollox. Iż-żifna tal-maskri tieqaf.*

PIERROT *(iqum bil-wieqfa):* Imma jien ukoll ħati. Kien hemm żmien meta jien ukoll irqadt; twarrabt imkeffen fid-diqa tiegħi… u ma smajtekx. Jien ukoll ħati.

*Bil-mod il-mod il-kummidjanti l-oħrajn jersqu lejh beżgħanin.*

ARLEKKINU: Imma s'inhu jiġri hawn, Pierrot hi? Ejja, ejja ersaq minn hemm ma tmurs tqajmu lis-sinjur. Ħallih.

PIERROT: Dak ma jqumx iżjed. Dak mejjet.

PANTALONE: Eh! Mejjet!

KAPTAN: X'inhu jgħid dan l-ibleh?!

PULĊINELLA: Żgur ma jistax ikun! Impossibbli!

PANTALONE: ...Din kummiedja, mhux traġedja! Nirraġunaw ftit, santa paċenzja! Fil-kummiedji m'hawnx delitti, mejtin u x'naf jien. *Ergo* - dan ma jistax ikun li hu mejjet. *Ergo* - la mhux mejjet - bilfors ħaj!

KAPTAN: Qed jagħmel tabirruħu li hu mejjet!

PANTALONE: Irid jiġbdilna saqajna, dak kollox! U ġaladarba huwa fatt inkonfutabbli li l-mejtin ma jiġbdux saqajn - *ergo* u doppja *ergo* - dan mhux mejjet! *Quod erat distruggendum!*

PIERROT: Mejjet. Ipprova jurikom x'jeħtieġ isir - ipprova jitlobkom tifhmuh - u qtiltuh!

PULĊINELLA: Qtilnieh! L-ewwel mejjet, issa qtilnieh! *(Jaħtaf lil PIERROT minn sidru; jheżżu.)* Isma' int, paljaċċu! Ma smajtux lil Sor Pantalon jispjegalek bil-luċidezza kollha u saħansitra jiċċaralek bl-akbar loġika u paċenzja li dak mhux mejjet, eh?

KAPTAN: ...Li ħadd ma qatlu?!

ARLEKKINU: Ininni, miskin; ininni qiegħed! Ssss! Bil-mod l-aħwa, ma nqajjmuhs, tafus. Ħarsu; jidher tant ħieni, tant ħiemed rieqed hemm. Ejjew; ħalluh miskin. Sa fl-aħħar sab il-pasi.

PIERROT: Issa forsi iva, sa fl-aħħar…

COLOMBINA: Ħallih rieqed mela, Pierrot. Ejja - ejja nħalluh jistrieħ. *(Tibda tmexxi lil PIERROT minn ħdejn L-ISPETTATUR.)* Int ukoll jeħtieġ tistrieħ, Pierrot. Ejja.

PANTALONE: Hekk, bravi. Mur - mur ma' Colombina, Pierrot…

PIERROT *(għal waqt iħallihom imexxuh, iżda dlonk jerġa' jinġibed lura):* Le! Ma nistax indawwar wiċċi għal darba'oħra! Dak mejjet! U aħna qtilnieh! Qtiltu int - u int - u int - u int …u jien! Aħna qtilnieh!

PULĊINELLA: Iskot ja imbeċilli! Sikktuh!

PIERROT: Għaliex ma tridux tisimgħu imma?! Ammettu x'intom tassew! Ma jistax ikun li jien biss inħoss - li jien biss nixtieq naf u nifhem! Għiduli: ma tixtiequx intom ukoll li tifhmu l-għala - il-għala ta' dan kollu? Għala nistenbħu f'nofs dalma - għala norqdu bla tama - għala jien inħobb lil Coquette - għala Coquette tmut - għala nistennew Spettatur fil-baħħ ta' teatru - għala noqtluh? Għala nistaqsu għala?!

PANTALONE: Rieqed. Dak biss rieqed. Il-loġika…

KAPTAN: Hemm il-loġika! Il-loġika!

PULĊINELLA: Ġustizzja!

PIERROT: Għala jien mhux bħalhom… Għala jien …waħdi.

ARLEKKINU: Imsejken Pierrot. Reza' qed jibki. S'għamlulu miskin?

COLOMBINA: Tibkix, Pierrot. M'intix waħdek…

PIERROT: Le, ħalluni! Jiena waħdi! Jien biss bla maskra minnkom kollha! *(Itella' idejh ma ħaddejh)* Jien biss. Forsi li kelli waħda… Li kont bħalkom… Imma le, m'iniex. Wiċċi tassew

dan. Jien waħdi!! Qaċċtuha intom ukoll dik il-maskra! *(Jipprova jiggranfa ma' wiċċ PULĊINELLA.)* Kunu waħedkom - bħali - u tkunu miegħi tassew! Waħedna lkoll flimkien! Qaċċtuha…!!

PULĊINELLA *(iżommlu idejh):* Le! Aħna le! Ma jaqblilniex! Taħt il-kruha ta' dil-maskra talanqas hemm tama li wiċċna ma jistax ikun ikreh daqsha!

PANTALONE: Le - jeħtieġ tifhem! Hekk b'dil-maskra, b'dal-kostum li xi darba xi ħadd tana u libbisna…

KAPTAN:…B'dal-kupjun għal dil-kummiedja…

ARLEKKINU: …Li xi darba xi ħadd kiteb għalina…

COLOMBINA: …Għalina, biex naħdmu u ngħixu…

PANTALONE: …Dil-kummiedja, bil-foħrija u l-gideb li fiha…

PULĊINELLA: …Il-qerq u l-għira…

COLOMBINA: …L-imħabba!

PULĊINELLA: …U l-mibegħda!

ARLEKKINU: Iz-zajt u z-zfin… U zuħ!

KAPTAN: Dwelli - tixrid ta' demm u moħqrija!

PANTALONE: …Li xi darba xi ħadd kiteb f'dax-xenarju grottesk: hekk jeħtieġ li jkun. U aħna nwettquh - u ngħixu.

PIERROT: Tgħixu? Le.  Kellu raġun hu mela! Intom biss Maskri! Maskri! Maskri!

*(Jixlihom tliet darbiet u tliet darbiet jinxtehtu ma' l-art taħt l-akkuża.)*

Imma jien ta' bla maskra - għala m'għandix naħdem il-parti li ħlomt jien b'dawn l-għajnejn -

b'dan il-wiċċ?...

PULĊINELLA *(jitkaxkar qisu serp ma' l-art lejh)* Dak il-wiċċ? Trid tara dak il-wiċċ?...Ejja - ejja ħdejn l-għadira! *(Jaħtfu mill-għaksa ta' saqajh - iġebbdu)* Ejja! Ħares u ara wiċċek tassew jekk għandek il-ħila!

PIERROT: Ħarist kemm il-darba!…

PANTALONE *(jaħtfu mis-sieq l-oħra - ikaxkruh lejn l-għadira):* U kull ma dejjem rajt kien biss id-dawl ta' qamar, jipnotizzak!

KAPTAN: Imma ħares issa - f'dal-waqt li wieqaf il-ħin -ħares! M'hemmx qamar aktar issa - ħares u ara!

COLOMBINA: Le, Pierrot! Il-lejla le, tħarisx!

*PANTALONE jimbutaha lura - issikkitha.*

*PIERROT, 'qas biss semagħha, iħares 'l isfel minn xifer l-għadira. Jibqa' ssummat - ma jitħarrikx.*

PULĊINELLA: Qed tara?

PIERROT *(kiebi):* Nara. Min qal li l-lejla m'hemmx qamar? Hemm qiegħed. U qalb dik iċ-ċappa bajda, bla ħajja, ġerha ħamra demm, u żewġ tebgħat suwed, fondi... Il-baħħ. U dak - dak...

PULĊINELLA: Huwa int!

PIERROT: Wiċċi.

PULĊINELLA: Wiċċek! Imma jekk inħarsu aħna, jekk inħares jien u nara dil-kruha, ngħid biss "Din maskra! Mhux wiċċi! Mhux jien!" U nisħet xortija u 'l min tagħni l-maskra! Imma dan mhux jien - mhux ħtija tiegħi!

PIERROT: Ta' min il-ħtija tiegħi allura! Jekk mhux tagħkom - ta' min? U min se jpatti - jekk jien

naghħmel bħalkom  allura? Min ipatti?

*Id-dwal bdew jitbaxxew sew...*

COLOMBINA: Tibżax, Pierrot. Issa hekk jew hekk, il-lejla wkoll għaddiet.

ARLEKKINU *(tkaxkar ħdejn L-ISPETTATUR - isib it-torċa):* Tassew; ħarsu. Il-bakketta mażika tilfet iz-zeħer tagħha. Id-dawl bil-kemm tnemnima...

*PIERROT wieqaf ħdejn l-għadira, rasu mgħaddsa, ma jitħarrikx iżjed...*

*Il-Maskri l-oħrajn iserrpu mal-palk, jitkaxkru - għeja u skonfort ġenerali, erwieħ mitlufa jfittxu xi kenn.*

KAPTAN: Tard wisq. Imma allura ma lħaqna għamilna xejn il-lejla?

PANTALONE: Lanqas il-lejla?!

ARLEKKINU: Tard wisq. U d-daħka fuq fommi mietet digà. U ċ-ċapċip tal-pubbliku... *(idejh ma widintu - jissemma' - jirtgħod.)*... kessaħli demmi.

COLOMBINA *(tersaq lejn PIERROT):* Id-dwett ta' mħabba ma' Pierrot għamiltu jien waħdi - imma ħadd ma semagħni - lanqas Pierrot. U jiena u Pierrot... *(tgħannaq riġlejn PIERROT)* Għalxejn. Tard wisq. Ħarsu kif ħlejna l-ħin.

PANTALONE: Ħlejnieħ ilkoll. U x "lejla kellha tkun il-lejla!... Il-lejla kien imissni nagħmel il-parti tax-xħiħ. U meta jisirquli ġidi, dak pandimonju li kont inqajjem, dak kaos!...

KAPTAN: U meta jien nisraq u naħrab ma' Colombina, dik xena romantika... Ġunġlila nagħmillhom qalbhom, kont! Kont niġi jien...

PULĊINELLA: Kont niġi jien!... l-Imħallef! Naqta' s-sentenzi, nixħet kulħadd il-ħabs, kastigi u eżilji, qtugħ l-irjus... Il-ħaqq!... Ħaqq il-ħaqq! Li kieku kont imħallef - Li kieku ħallejtuni!

PIERROT *(l-uniku wieħed bil-wieqfa - siluwett f'xifer l-għadira):* U li kieku... kieku jien x'kont

naghmel?... Għajr dak li xorta fadalli naghmel.

PANTALONE *(mitluq imgezzez fil-gozz kostumi li ħareġ minnhom fil-bidu tad-dramm):* Wieħed jistenbaħ, jaħseb li għandu att sħiħ quddiemu, talanqas, u bla ma jaf kif jinżel is-siparju. U għad fadal tant li wieħed seta' jagħmel kieku....

KAPTAN *(idaħħal ix-xabla fl-għant)*: Sadid biss. Tittiekel u titmermer, ma tagħmel xejn u ssibek bla saħħa wara biss ftit ħin.

PANTALONE: Ħallejna l-ħin jinsteraq. X'tista tagħmel il-Ġustizzja issa?

PULĊINELLA: Xejn. Imma li kieku! Li kieku!

PIERROT: Aħjar m'hawnx dawl ta' qamar il-lejla, talanqas... Aħjar...

*Ineħħi l-beritta bajda minn rasu u jħoll il-ġagaga. Jgħatti biha lil COLOMBINA u jersaq sew f'xifer l-għadira.*

PULĊINELLA *(rasu mgħaddsa fuq sidru - serduk qed jibda jongħos):* Li kieku.. li kieku...

COLOMBINA *(titniegħes ukoll):* Pierrot, fejn int? Ejja ħdejja, Pierrot... Għada ... Pierrot...

PANTALONE: Il-maskra... hawn. U l-bastun, hawn... Talanqas. U għada - la jisbaħ - jekk jisbaħ - hawn ikunu. Nittama.

PULĊINELLA *(l-għaxwa tal-mewt - jidden):* Kukkurukuu! LI KIEKU! ...Kuuuu! Kuuu!...

*Dlam ċappa.*

*Pawsa. Imbagħad, ħoss ta' xi ħaġa tqila taqa' fl-ilma.*

*Jerġa' s-skiet.*

*ARLEKKINU, imgezzez għall-kenn taħt il-karru jixgħel u jdawwar it-torċa lejn l-għadira.*

*PIERROT ma jidhirx iżjed.*

ARLEKKINU *(jixgħel id-dawl madwar il-palk):* Ma fadal sejn isjed. Ħadd. Rezgħet il-kesħa u għadni bil-zuħ. Imma għalies nistembaħ u norqod dejjem bil-zuħ? Kollos spizza. Ħlief din.. *(it-*

*torċa)* U hi ukoll waslet bies... (*Dawl fuq L-ISPETTATUR)* Miskin. Raqad hekk kmieni... Kien jieħu gost tant kieku baqa' jara l-kummiedja tagħna... *(Jitniegħed)* Il-kummiedja... sbejħa... tagħna. Ħasra.. li... ma... rahies.

*Tintefa' t-torċa.*
*Dlam ċappa.*
*Żomm għal bosta sekondi... Sakemm forsi*

SPETTATUR: Hawn m'hawn ħadd?...

*Minn hawn 'il quddiem, il-kummiedja tista' tkompli mill-bidu....*

*JEW*

*fejn, meta u jekk trid...*

**SIPARJU**